**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Theodore Arthur Dix**

**Seduta Distrett**

**Illum 16 ta' Gunju, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Theodore Arthur Dix**, iben Mario u Felicity xebba Mortimer, imwieled il-Pieta, u residenti 11/2, Triq San Duminku, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 473800L billi huwa akkuzat talli bejn is-27 ta' Dicembru 2017 u l-11 ta' Dicembru 2017 gewwa Triq San Duminku, il-Belt Valletta:

1. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew esegwixxa obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Joseph Sammut fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt

bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor (Artikolu 85(1) Kap. 9).

Il-Qorti giet gentilment mitlub li f'kaz ta' htija tara d-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 377(5) sabiex jigu applikati fil-kaz ta' sejbien ta' htija taht is-subartiklu (1) u meta l-ghemil tal-hati jkun irrizulta li l-persuna l-ohra tbaghti spoll, il-Qorti ghandha tapplika d-dispozizzjonijiet ta' dak is-subartiklu sabiex tassigura li l-persuna li baghtiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma baghtiet l-ispoll. (Artiklu 85(2), Kapitlu 9).

Rat id-dokumenti kollha esebiti kif wkoll l-atti kollha processwali.

Rat ir-rapport ta' Dr Alexander Scerri Herrera prezentat u konfermat bil-gurament fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Jannar 2020 (fol 22 et seq).

Rat li fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Jannar 2020 il-partijiet inghataw hmistax (15) -il gurnata zmien sabiex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-parte civile ma ipprezentaw l-ebda nota filwaqt li d-difiza pprezentat in-nota taghha fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 2020 (fol. 204 et seq) tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Qabel issir kull kunsiderazzjoni rigward ir-reat li qieghed jigi addebitat lill-imputat, huwa essenzjali li jigu indirizzati l-eccezzjonijiet preliminari mqajma mid-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Dan ghaliex l-istess zewg eccezzjonijiet preliminari f'kaz li jintlaqghu jistghu jwasslu sabiex il-kaz jkollu jieqaf minghajr ma' wiehed jidhol fil-mertu propju tal-kaz.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tqajjem zewg punti ta' indoli procedurali[1]:

(a) Fl-ewwel lok id-difiza targumenta li l-komparixxi fiha dettalji dwar il-persuna tal-imputat li huma zbaljati kif wkoll li hija nieqsa minn rekwiziti essenzjali bhad-data tat-twelid;

(b) Fit-tieni lok id-dati ndikati fl-istess citazzjoni huma erronji ghax ma jistax jkun li r-reat gie kommess bejn is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru 2017 u l-hdax (11) ta' Dicembru 2017.

Ghal dawn ir-ragunijiet id-difiza ghalhekk eccepiet in-nullita.

Fir-rigward tal-ewwel punt preliminari mqajjem mid-difiza, din il-Qorti ma tqisx li dan l-argument huwa floku u li jwassal ghan-nullita tal-proceduri. Apparti l-fatt li l-karta tal-identita tal-imputat Theodore Arthur Dix tirrizulta li hija korretta, fl-ebda mument ta' dawn il-proceduri

[1] Ara Fol. 204 et seq tal-process

l-imputat m'allega li huwa ma kienx l-individwu li ghandu l-appartament fuq dak tal-parte civile u li kien ghal kollox estraneju ghar-rapport li sar mill-parte civile. Kif gie senjalat diversi drabi mill-Qrati taghna c-citazzjoni hija biss ordni biex tidher u allura t-tip ta' zbalji li l-imputat qieghed jirravviza f'din l-ewwel eccezzjoni preliminari assolutament ma jrendux tali citazzjoni nulla kif tallega d-difiza.

L-istess pero' ma jistax jinghad ghat-tieni eccezzjoni sollevata mid-difiza. F'din it-tieni eccezzjoni ta' natura preliminari, d-difiza tallega li d-dati indikati fil-komparixxi dwar meta sar l-allegat reat huma skorretti u ma jistax jkun li r-reat sar bejn is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru 2017 u l-hdax (11) ta' Dicembru 2017.

Ta' rilevanza ghal dan il-kwezit huwa l-artikolu 360 sub-inciz (2) tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jaghmilha cara li: *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza,* ***bil-partikularitajiet ta' zmien*** *u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……"* (Enfazi tal-Qorti) Issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, li kienet titratta dwar il-partikularitajiet taz-zmien fic-citazzjoni, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.". Il-Qorti tal-Appell Kriminali irrimarkat li: *"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt*

*insab. ..... Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Dan l-istess principju gie riaffermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra nkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, t-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fr Michael Camilleri**,[2] il-Qorti tal-Appell Kriminali ziedet tghid wkoll li l-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta c-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna mharrka tkun tista' thejji d-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lilha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura l-binarji tal-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Mill-provi prodotti u anke mill-kwerela li saret lill-Pulizija Ezekuttiva, l-allegat kaz jinghad li gara xi gurnata bejn is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru 2017 u l-11 ta' Dicembru 2017. Fil-komparixxi gie pero indikat iz-zmien ta' bejn is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru u l-hdax (11) ta' Dicembru, liema perijodu pero' jinsab definittivament eskluz mill-provi. La darba ghalhekk li d-dati ta' meta seta' sehh l-allegat reat gew indikati

[2] Deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2018 (Appell Nru 440/2017)

hazin, din il-Qorti tqis il l-binarji tal-azzjoni proposta wkoll gew definiti hazin. Ma jidhirx li f'xi stadju tal-proceduri la quddiem din il-Qorti u lanqas quddiem il-Perit Legali ma saret xi talba ghall-korrezzjoni tal-komparixxi. Fic-cirkustanzi ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda triq hlief li tillibera lil-istess imputat mill-akkuza dedotta fil-konfront tieghu in vista tal-binarji skoretti tal-azzjoni kif proposta. Fic-cirkostanzi wkoll ghalhekk ikun ghal kollox superfluwu li din il-Qorti tghaddi biex tezamina r-rizultanzi tal-Perit Legali in konnessjoni mal-akkuza li giet dedotta fil-konfront tal-imputat.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti mhux qieghda issib lill-imputat hati tal-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u ghalhekk qieghda tilliberah minnha.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur